**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Marc Luigi Alwan**

Kawża Numru: 22/2020

Illum 7 ta' Jannar 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Marc Luigi Alwan,** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, iben Jamal Sedigh u Sharon xebba Spiteri, imwieled il-Pieta' nhar id-9 ta' Frar 1998, mingħajr residenza fissa, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 124098(M), akkużat talli f'xi ħin bejn is-18:00hrs u l-04:15hrs ta' bejn l-24 ta' Ġunju 2020 u l-25 ta' Ġunju 2020, mil-limiti ta' Il-Qasam, ġewwa Kercem, Għawdex u/jew fil-viċinanzi f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq aggravat ta' vettura bil-mutur tal-għamla Ford Transit, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBU-868, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaga misruqa, u bil-valur, liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' Walter-Michael Farrugia K.I. 21772G, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Akkużat ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, f'xi hin bejn it-23:00hrs u l-04:15hrs ta' bejn l-24 ta' Ġunju 2020 u l-25 ta' Ġunju 2020, minn ġewwa Triq ir-Rabat, Marsalforn, Żebbug, Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

2. Ikkommetta serq aggravat ta' vettura bil-mutur tal-għamla Mercedes, bin-numru ta' reġistrazzjoni CCA-219, u bin-numru taċ-*chassis* WDB2037462A526963, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaga misruqa, u bil-valur, liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' Joseph Vella K.I. 28756G, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi, u dan bi ksur tal-Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba biex tqis lil Marc Luigi Alwan bħala reċediv, b'diversi sentenzi definittivi u li ma ġewx mibdula, ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (Dok. "JGX 2" – *a fol.* 26).

Semgħet, waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2020, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha.

Semgħet, waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2020, lill-imputat jiddikjara li m'għandux provi xi jressaq.

Rat illi, waqt is-seduta tal-26 ta' Ottubru 2020, il-Qorti ordnat lill-Prosekuzzjoni sabiex fi żmien xahar tindika permezz ta' nota l-fatti li rriżultaw tal-każ u l-piena li hemm marbuta mar-reati involuti;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ppreżentat is-sottomissjoni tagħha bil-miktub fis-16 ta' Novembru 2020;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

***XHIEDA***

F'dan il-każ xehdu sittax (16)-il xhud:

*PS 342 Johan Said (a fol. 94 et seq.), PS 698 Shaun Tabone (a fol. 97 et seq.), Saviour Farrugia (a fol. 106), Joseph Grech (a fol. 109), PC 534 Joseph Cini (a fol. 120), Dr. Julian Portelli (a fol. 125 et seq.), PS 1301 Christin Bonello (a fol. 127 et seq.), PC 1130 Bjorn Sammut (a fol. 137), PC 1571 Mario Azzopardi (a fol. 138 et seq.), Dr. John Borg (a fol. 140 et seq.), Joseph Vella (a fol. 142 et seq.), PS 676 Edelon Spiteri (a fol. 148 et seq.), PC 60 John Grima (a fol. 150 et seq.), Walter Farrugia (a fol. 158 et seq.) u l-Ispettur Josef Gauci (a fol. 162 et seq.).*

**KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI**

**Preliminari**[1]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur

[1] Il-**Pulizija vs Reuben Alessandro ABELA** deċiża fis-7 ta' Jannar 2020 mill-Imħallef Aaron Bugeja Appell numru 236 tal-2017

għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta' u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Cioe' li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip ta' evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, cioe' l-Law of Evidence. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud

waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta – jekk ikun hemm; kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż[2], li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet.

Fil-każ Ingliż **Majid**, Lord Moses stqarr hekk[3]:

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**[4], Adrian Keane u Paul McKeown jgħidu s-segwenti : -

[2] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[3] ibid.
[4] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista'

jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Illi l-partijiet fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni *in primis*, u li għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, trid tosservanza dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule*, l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija talpersuna akkuzata. L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-*

*akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni talprova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*[5]

In oltre u aktar reċentement fis-sentenza Il-**Pulizija vs Cyrus Engerer**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

*Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita ta-lprovi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.*[6]

Kwindi minbarra r-regola li huwa meħtieġ li tiġi prodotta l-aħjar prova, jekk f'każ partikolari jkun hemm evidenza li tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi

[5] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[6] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

**<u>Il-Fatti tal-Każ</u>**

Dan il-każ jirrigwarda rapport datat 25 ta' Ġunju 2020 minn certu Joseph Vella, fejn għall-ħabta tas-02:15hrs kien ċempel l-Għassa tar-Rabat, Għawdex u rrapporta li xi ħadd mhux magħruf kien seraqlu l-vettura tiegħu tal-għamla Mercedes Benz ta' lewn blu, liema vettura huwa ħalliha pparkjata quddiem ir-residenza tiegħu Villa Ġanna, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Żebbug, Għawdex.

Fl-istess lejl, għall-ħabta tat-03:00hrs, il-Pulizija rċeviet informazzjoni minn uffiċċjal tas-sigurta' minn Dar Padova f'Għajnsielem, fejn dan stqarr li huwa kien ra lill-imputat Alwan u ralu f'idejh ċavetta ta' vettura ta' lewn sewda, kif ukoll li mbagħad Alwan telaq minn hemm b'vann ta' lewn abjad u tabella bl-isem ta' Lighthouse Supermarket.

Marc Alwan ġie ttraċċat mill-Pulizija distrettwali għaddej minn ġewwa r-Rabat, Għawdex isuq l-imsemmi vann immarkat b'Lighthouse Supermarket fuqu, li kien sejjer direzzjoni lejn l-Għarb. Dan irriżulta li kellu numru ta' reġistrazzjoni JBU868 tal-għamla Ford u lewn abjad, fejn twaqqaf qrib il-mina fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Rabat, Għawdex.

Minn hemm, Marc Alwan ingħata d-drittijiet legali tiegħu, fejn huwa rrifjuta, fejn huwa minn jeddu għadda ċavetta ta' lewn iswed bl-arma ta'

Mercedes u stqarr mal-Pulizija li jaħdem mal-Lighthouse Supermarket u li kien qiegħed jagħmel *delivery* bil-lejl. Huwa stqarr ukoll li ċ-ċavetta hija ta' Mercedes ta' lewn blu u li hija ta' Joey magħruf bħala tal-Ilma.

Minn hemm, Marc Luigi Alwan ġie arrestat mill-Pulizija u ġie kkuntatjat Walter-Michael Farrugia, li huwa sid il-vann l-abjad li kien qiegħed isuq Alwan, fejn stqarr li Alwan qatt ma ħadem miegħu u li l-vettura ma kinitx imsakkra. Aktar tard irriżulta li l-vann kien ipparkjat fil-limiti tal-Qasam, Kerċem, Għawdex fejn għandu l-i*stores* Walter Farrugia tal-Lighthouse Supermarket. Il-vann ingħata lura lil sidu Walter Farrugia.

Waqt l-interrogazzjoni, Marc Alwan ma kkoopera xejn mal-Pulizija, anke fir-rigward ta' x'sar minnha l-vettura Mercedes ta' Joseph Vella. Huwa rrifjuta dejjem l-assistenza legali, u ffirma dikjarazzjoni f'dan ir-rigward.

Ir-rapport iddettaljat ġie esebit fil-mori ta' din il-kawża minn PS 1301 Christian Bonello, immarkat bħala Dok CB1 a fol 133 sa 136 tal-proċess.

Illi nhar id-9 ta' Awwissu 2020, wara li l-Pulizija rċeviet informazzjoni, instabet il-vettura ta' Joseph Vella fi Sqaq Papa Klement XIV, fl-Għarb, Għawdex, liema vettura ġiet ikkonfermata li hija ta' Joseph Vella, fejn wara li ttieħdu r-ritratti u saru l-eżaminazzjonijiet forensiċi fuq il-vettura, din ingħatat lura lis-sid flimkien maċ-ċavetta. Il-vettura kienet bla pjanċi hekk kif xehed Joseph Vella, u ġie mqabbel iċ-*chassis number* tagħha fejn ġie kkonfermat li hija l-istess vettura ta' Vella.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

Illi l-liġi penali tagħna ma tagħti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq b'dan għalhekk illi l-ġurisprudenza u d-deċiżjonijiet tal-qrati dejjem straħu fuq dik mogħtija mill-ġurista Taljan Carrara fejn fiha hemm inkapsulati l-elementi kollha tar-reat tas-serq, u cioe' it-teħid doluż ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod frawdolenti u dan bil-għan illi jsir il-qliegħ mir-res furtiva[7]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti ai fini ta' sejbien ta' ħtija:

1. ***The contrectatio of a thing.***
2. ***belonging to others.***
3. ***made fraudulently.***
4. ***without the consent of the owner.***
5. ***animo lucrandi.***

Abbinata ma' din id-definizzjoni li minnha jinstiltu l-elementi tar-reat, li l-leġislatur jonqos milli jinkorpora fil-leġislazzjoni, l-artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali mbagħad joħloq l-aggravanti għar-reat fejn fosthom insibu l-aggravju tal-valur, tal-ħin u tax-xorta tal-ħaġa misruqa, aggravanti addebitati lill-imputat.

**Provi u xhieda**

F'din il-kawża xehdu diversi xhieda, inkluż il-Pulizija nvoluti fl-investigazzjoni ta' dan il-każ, kif ukoll l-uffiċjali tal-Pulizija li waqqfu lil Alwan waqt li kien għaddej bil-vann Ford Transit ta' Walter Farrugia.

[7] '*La contrattazione dolosa della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro*.'

Dawn jinkludu PS 1301, PS 342, PS 676, PS 698, PC 1130, PC 534 u PC 1571. PC 60 kien involut mill-qasam forensiku.

Xehed ukoll rappreżentant ta' Transport Malta, Saviour Farrugia, fejn ikkonferma li ż-żewg vetturi involuti f'dan il-każ jappartjenu lil Walter-Michael Farrugia u lil Joseph Vella. Ġew esibiti wkoll il-*log books* tal-vetturi (Dok SF1 u SF2 --- fol 106, 107 u 108 tal-proċess).

Xehdu ukoll Joseph Vella u Walter-Michael Farrugia, is-sidien tal-vetturi nvoluti f'dan il-każ.

Dr. Anton Grech, espert psikjatriku ġie maħtur sabiex jagħmel rapport fuq l-imputat fejn jiddikjara li Marc Alwan ma jbatix minn mard mentali u li jaf eżatt x'qed jgħid u jagħmel.

**<u>Valur tal-vetturi u l-lok</u>**

Fl-ebda stadju tal-proċeduri ma ġie kkontestat il-valur tas-serq fir-rigward taż-żewg vetturi. Ta' min jgħid li mal-Pulizija, Joseph Vella l-ewwel stqarr li l-vettura tiswa madwar €1000 imbagħad meta xehed fil-Qorti stqarr li l-Mercedes tiswa madwar €3,500 - €4,000. Walter Farrugia qatt ma għadda lill-Pulizija stima ta' kemm jiswa l-vann pero' xehed fil-Qorti bejn wieħed u ieħor kemm jiswa l-vann fix-xhieda tiegħu. Il-lok ta' minn fejn intmessu l-vetturi lanqas ma ġie kkontestat.

**Aggravji tas-serq**

Marc Alwan qiegħed jiġi akkużat li wettaq is-serq taż-żewg vetturi bl-aggravji tal-ħin, tal-valur u tax-xorta tal-ħaga misruqa, skont l-artikolu 261(c)(f)(g) tal-Kodiċi Kriminali. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija u mill-provi jirriżulta li dawn iż-żewg vetturi nsterqu mal-lejl. Huwa ġie akkużat bl-aggravju tax-xorta tal-ħaġa misruqa peress li l-atti seħħew fuq vettura/i. Fir-rigward tal-valur ġie trattat aktar 'il fuq.

**Il-Fedina Penali u l-prova tar-riċediva**

Illi fil-mori ta' din il-kawża, il-Prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali tal-imputat Marc Luigi Alwan, li tinsab immarkata bhala Dok JG1 a fol 8 et seq. tal-proċess, fejn hemm elenkat in-numru ta' sentenzi li ngħataw lill-imputat.

Fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Lulju 2020, il-Prosekuzzjoni esebiet diversi sentenzi tal-Qorti mogħtija lill-imputat immarkati minn Dok (a) sa Dok (g) a fol 30 et seq. tal-proċess, liema sentenzi huma vera kopja esebiti mir-Registratur tal-Qorti.

L-imputazzjoni dwar ir-reċidiva ġiet ippruvata ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Riċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[8] daħlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

> Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti princċipali, jiġifieri l-effett :
> (a) Retributtiv;
> (b)Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.
>
> L-**<u>aspett retributtiv</u>** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi s-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kummissjoni tar-reat. U s-soċjeta' teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.
>
> L-**<u>aspett preventiv</u>** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal-biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġiegħla tixtarr

[8]Appell numru 96/2019 deċiż Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

sew il-konsegwenzi ta' egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta' tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati nnifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta' titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita' dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-

ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu nnifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wassluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta' bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **effetti riedukattivi u korrezzjonali** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

**Illi din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena idonea li għandha tiġi inflitta fiċ-ċirkostanzi fil-konfront tal-imputat u jidrilha li piena karċerarja effettiva hija idonea fiċ-ċirkostanzi, u dan għaliex l-imputat m'hu juri l-ebda sforz biex jaqbad it-triq it-tajba, anzi jibqa'**

**kontinwament jisfida, tant li baqa' jirrifjuta saħansitra avukat tal-għajnuna legali biex jassistih. Il-Qorti qieset li l-imputat huwa riċediv u l-fatt li d-derubati ħafru lill-imputat.**

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat Artikoli 17, 49, 50, 261(c)(f)(g), 267, 270, 279(a), 280(1) u 340(d) tal-Kap 9 tikkundannah għal **tlett (3) snin priġunerija** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel arrestat proviżorjament.

Inoltre, wara li rat artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-imputat iħallas € 172.64 hlas tal-espert peritali u dan fi żmien xahar millum.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |